



## TWISSIJA GĦALL-INVESTITURI

### Negozjar f'muniti barranin (forex)

#### L-AETS (l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq)

- **twissi lill-investituri biex ma jinneozjawx ma' ditti mhux awtorizzati li joffru investimenti f'muniti barranin, u**
- **twissi lill-investituri mhux professjonali dwar ir-riskji ewlenin involuti fin-negozjar forex**

---

#### Messaġġi ewlenin

- **Agħmel ir-riċerka tiegħek: ivverifika li d-ditta hija awtorizzata.**
- **Tużax flus li ma tippermettix li tiflef, tista' tiflef aktar mill-investment inizjali tiegħek.**
  - **Kun konxju li xi offerti fuq prodotti jew servizzi jistgħu jkunu qarrieqa.**
  - **Kun af ir-riskji involuti.**

---

#### Għaliex l-AETS qiegħda toħroġ din it-twissija?

1. Innotajna żieda, fxi pajjiżi tal-Unjoni Ewropea, f'ditti mhux awtorizzati li joffru transazzjonijiet, jew pjattaformi għall-kummerċ, f'derivati bbażati fuq il-munita fis-suq forex (bħal 'kuntratti għad-differenza' [CFDs], 'FX forwards', u 'kuntratti rolling spot'). għalhekk, qegħdin inwissu lill-investituri biex ma jinneozjawx ma' kumpaniji mhux awtorizzati li joffru investment f'muniti barranin.
2. Qegħdin inwissu wkoll lill-investituri mhux professjonali dwar ir-riskji ewlenin involuti fin-negozjar f'forex.

#### X'inhu investment f'muniti barranin (forex), jew negozjar forex?

3. Is-suq tal-muniti barranin (imsejjaħ ukoll is-'suq forex', is-'suq FX' jew is-'suq tal-muniti') huwa suq finanzjarju globali li jinneozja fil-muniti kollha tad-dinja. Huwa netwerk internazzjonali mingħajr ebda post fiżiku fiss (jiġifieri huwa 'deċentralizzat'). Huwa suq mhux regolat (OTC) fejn sensara finanzjarji u intermedjarji finanzjarji ('intermedjarji') jinneozjaw direttament ma' xulxin.

4. Il-parteċipanti fis-suq forex (pereżempju, banek, ditti tal-investment, fondi ħeġġ, sensara forex mhux professjonali u inti – l-investitur mhux professjonali ) jixtru, jbiegħu, u jinneozjaw fil-muniti. B'sempliċiment ammont żgħir ta' flus, u aċċess għal kompjuter u għall-internet, tista' faċilment tidħol fis-suq permezz ta' bosta pjattaformi elettroniċi ta' negozjar online magħmula disponibbli mis-sensara forex.
5. Bħal kull investment fi prodotti kumplessi jew volatili, l-investment fis-suq tal-muniti barranin mhuwiex adatt għall-investitur mhux prudenti jew mhux dispost għar-riskju. Jekk int investitur mhux professjonali li qiegħed tikkunsidra li tipparteċipa f'dan is-suq, għandek tifhem sew is-suq, u tkun konxju tar-riskji ewlenin assoċjati man-negozjar f'muniti barranin, sabiex tkun tista' tagħmula deċiżjoni infurmata qabel ma tinvesti.
6. Jekk għandek xi dubji, fittex parir minn konsulent finanzjarju professjonali li huwa indipendenti mis-sensara forex, u li tafda.

### **Għaliex l-investituri għandhom jevitaw li jittrattaw ma' ditti mhux awtorizzati u mhux regolati?**

7. Ħafna ditti, jew sensara forex, joffru servizzi u prodotti leġittimi tal-kambju. Iżda xi ditti mhumiex regolati, u mhumiex awtorizzati biex jipprovdu dawn is-servizzi jew prodotti (inkluż pjattaformi tal-kummerċ).
8. Meta tfittex sensara forex online, jew meta tiġi ikkuntattjat/a minn ditti jew individwi li joffru dawn il-prodotti jew is-servizzi, tista' tiltaqa ma' xi wħud li ma jispeċifikawx jekk humiex regolati, jew jiddikjaraw b'mod qarrieqi li huma reġistrati, awtorizzati jew regolati. Xi wħud saħansitra jiddikjaraw b'mod qarrieqi li huma reġistrati, awtorizzati u regolati mill-AETS – iżda aħna la nawtorizzaw u lanqas nirregolaw sensara, jew kwalunkwe tip ieħor ta' ditta tal-investment. Dan isir mill-awtoritajiet regolatorji fil-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea.
9. Kun konxju ta' xi attività mhux awtorizzata: qabel ma tidħol f'impenn, iċċekkja mal-awtorità regolatorja fil-pajjiż tiegħek jekk il-sensar huwiex imniżżel jew irreġistrat u awtorizzat li jipprovdi dawk il-prodotti jew is-servizzi.
10. Ħafna awtoritajiet regolatorji jżommu lista ta' ditti (u/jew websajts) li joffru investimenti forex li mhumiex awtorizzati li jagħmlu dan.
11. Jekk ditta mhijiex awtorizzata (jew regolata), ma għandhiex għalfejn tikkonforma mar-regoli għall-protezzjoni tal-investituri bħas-salvagwardja tal-assi tal-klijenti, informazzjoni ċara, l-iżvelar tar-riskji, l-adegwatezza u l-immaniġġjar tal-ilmenti. Ma jkollokx aċċess għall-proċeduri ta' ilmenti (ombudsman finanzjarju) jew għal skemi ta' kumpens jekk l-affarijiet imorru ħażin.

### **X'inhuma r-riskji ewlenin assoċjati ma' negozjar forex mhux professjonali?**

#### *Kumplessità*

12. Mhux it-transazzjonijiet forex kollha huma ċari. Jekk ma tifhimx in-natura kumplessa ta' ċerti transazzjonijiet fi transazzjonijiet ibbażati fuq derivati fuq muniti barranin, għandek toqgħod attent/a.
13. Qabel ma tiddeċiedi li tinneozja, għandek tikkunsidra b'attenzjoni l-għanijiet għall-investment, il-livell ta' esperjenza, u x-xewqa għar-riskju tiegħek.

### *Volatilità*

14. Ir-rati tal-kambju jvarjaw skont bosta fatturi, inkluż sitwazzjonijiet politiċi, ir-rati tal-imgħax, il-politika monetarja u l-inflazzjoni. Iċ-ċaqliq huwa imprevedibbli, u s-suq jista' f'daqqa waħda jiċċaqlaq kontra l-interess tiegħek. Dan se jaffettwa l-prezz tal-kuntratt forex tiegħek u l-qligħ u t-telf relatati potenzjali.

### *Ingranaġġ*

15. Biex tibda tinnegozja, tiddepożita ammont ta' flus (imsejjaħ wkoll 'marġini', jew 'kont', jew 'titolu ta' sigurtà') mal-intermedjarju forex tiegħek. Anke ammont żgħir ta' flus jista' jgħinek tinnegozja volumi kbar ta' muniti. Dan minħabba li xi prodotti ta' negozjar forex huma 'ingranati' ferm.
16. Aktar mad-depożitu jkun żgħir f'relazzjoni mal-valur sottostanti tal-kuntratt, akbar ikun l-ingranaġġ. U aktar mal-ingranaġġ ikun għoli, hemm possibbiltà akbar li titlef l-investment sħiħ tiegħek jekk ir-rati ta' kambju jiċċaqlaq fuq id-direzzjoni li ma tanticiapax.
17. Meta tidħol f'investment ingranat, għandek tivverifika mal-intermedjarju forex x'jiġri meta l-investment tiegħek jiġġenera telf. Huwa importanti ħafna li wieħed jifhem li għalkemm ingranaġġ jistgħu jżid il-qligħ fuq l-investment tiegħek, jista' wkoll jaħdem kontrik billi jkabbar it-telf tiegħek. Hemm riskju li tista' ttitlef xi ftit mid-depożitu inizjali tiegħek, id-depożitu kollu, jew saħansitra aktar mid-depożitu inizjali tiegħek.
18. Jekk jiġi ġġenerat telf, l-intermedjarju forex jista' jkun intitolat li jnaqqas l-investment li jikkawża t-telf tal-marġni ta' ingranaġġ tiegħek. Dan iżid b'mod sinifikanti l-ispiża tal-investment għall-investitur.
19. Pereżempju, jekk tinvesti €100 b'ingranaġġ ta' 200, inti jkollok tagħti lura €2000 jekk il-valur tal-istrument jitlef 10% tal-valur tiegħu (10% ta' 100 immultiplikata b'200). Barra minn hekk, tista' tkun obbligat/a li tħallas drittijiet ta' transazzjoni u/jew ħlasijiet ta' finanzjament.
20. F'xi pajjiżi tal-Unjoni Ewropea hemm evidenza li xi investituri mhux professjonali isofru telf sostanzjali f'dan is-suq. Ma għandekx tinvesti flus li ma tippermettix li ttitlef.

### *Kampanji ta' kummerċjalizzazzjoni*

21. Bħal kull prodott finanzjarju ieħor, huwa importanti li taqra l-materjali ta' kummerċjalizzazzjoni u l-kuntratt jew id-dokumenti legali bir-reqqa. Oqgħod attent - xi reklami jistgħu jkunu qarrieqa u jħeġġuk tinvesti mingħajr ma jiċċaraw ir-riskji jew id-drittijiet. Offerti ta' taħriġ jew negozjar b'portafolji virtwali jistgħu jħeġġuk ukoll biex tinvesti. U xi sensara forex jużaw offerti promozzjonali bħal '10% flus lura sa €500 meta inti tiftaħ kont f'Novembru: Applika Issa'. Oqgħod attent għal flus b'xejn.
22. Tinsiex li t-transazzjonijiet finanzjarji kollha għandhom ċertu ammont ta' riskju. Xejn ma huwa 'garantit' u potenzjalment tista' ttitlef flusek kollha. Jekk ma tifhimx sew kif in-negozjar forex jaħdem, tiġix ipperswadut/a biex tinvesti fih.

### *Negozjar fuq l-internet*

23. Meta tuża pjattaformi elettroniċi online għal negozjar forex, inti għandek toqgħod attent/a dwar l-użu ta' softwer li awtomatikament jiġġenera transazzjonijiet f'muniti barranin. Tista' ttitlef il-kontroll fuq xi transazzjonijiet li jitwettqu.



24. Għandek toqgħod attent/a wkoll meta tintalab tipprovdi d-dettalji tal-karta ta' kreditu tiegħek sabiex tibda negozjar forex. Il-kont tiegħek jista' jiġi debitat direttament mingħajr il-kunsens tiegħek, u jista' jkun diffiċli ħafna li tikseb flusek lura.

#### **Aktar informazzjoni**

25. Jekk għandek xi mistoqsijiet jew dubji, għandek tikkuntattja lill-awtorità regolatorja fil-pajjiż tiegħek. Lista tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali kollha, u l-websajts tagħhom, hija disponibbli fuq il-websajt tagħna.